MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 2456/2000/1

**Is-socjeta' HSBC Bank  Malta p.l.c**

**vs**

**Is-socjeta' John F. Ltd, John Freeman u martu Maria Freeman u Joseph Pace**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:-

Illi huwa kreditur tas-socjeta' konvenuta John F. Limited fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf disa' mija hamsa u tletin lira maltija u tnax-il centezmu (Lm21935.12) liema somma hija dovuta mis-socjeta' konventua John F. Limited in kwantu ghal sbatax-il elf sitta u tletin lira maltija u sbatax-il centezmu (Lm17036.17) bhala "encroachment"

fuq il-kont kurrenti numru 27 198 2488 miftuh mal-istess bank attur u in kwantu ghas-somma ta’ erbat elef tmien mija tmienja u disghin lira maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm4898.95) bhala imghaxx ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma ta’ Lm17036.17 mit-22 ta’ Marzu 1997, u cjoe’ id-data tal-“encroachment” sal-24 ta’ Ottubru 2000, hekk kif jidher mill-anness “statement of account” Dok A.

Illi l-konvenuti l-ohra kollha ikkostitwew ruhhom garanti solidali mas-socjeta’ konvenuta John F. Ltd ghall-hlas tad-debitu taghha lejn is-socjeta’ attrici kif jidher mill-kopji tal-garanziji (Dok C sa Dok D) sas-somma ta’ mija u tletin elf lira maltija (Lm130000) oltre l-imghaxijiet.

Illi s-socjeta’ attrici zammet id-dritt li titlob il-pagament kollu dovut jew ta’ parti minnu “on demand.”

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati jhallsu l-kapital u l-imghaxijiet minnhom dovuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk il-bank attur qed jitlob li s-socjeta’ konvenuta tigi kundannata, bhala debitrici principali, thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf disa’ mija hamsa u tletin lira maltija u tnax-il centezmu (Lm21935.12), liema somma hi dovuta mill-istess socjeta’ konvenuta kif fuq premess u li l-konvenuti l-ohra, solidalment mas-socjeta’ konvenuta, jigi kundannati li jhallsu lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ wiehed u ghoxrin elf disa’ mija hamsa u tletin lira maltija u tnax-il centezmu (Lm21935.12).

Bl-ispejjez, u bl-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena konteggjat b’effett mill-25 ta’ Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-loan account li kienet tgawdi l-kumpannija konvenuta kien manipulat minn terzi, presubilment ufficjali tal-istess Bank u naqqsu diversi somom mill-istess kont li ma kienux awtorizzati mill-firmatarji tal-kumpannija.

Il-Konvenuti li huma garanti solidali mal-istess kumpannija ghandhom b'hekk jigu liberati mill-obbligi taghhom bhala garanti u t-talbiet attrici fil-konfront taghhom ghandhom jigu michuda.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat li din il-kawza giet ittrattata flimkien mal-kawza 2550/97, mal-kawza 2725/97 u mal-kawza 2458//00 li gew decizi fis-27 ta' Ottubru 2010 u fit-8 ta' Ottubru 2010.

Rat l-affidavit tal-Prokuratur Legali (illum Avukat Dottor) Jonathan de Maria presentata mill-Bank attur.

Rat l-affidavit tal-konvenut John Freeman presentat mill-istess konvenut.

Rat l-affidavit tal-konvenuta Maria Freeman presenta mill-istess konvenuta.

Rat in-nota tal-bank attur tal-21 ta' Dicembru 2005 li biha gew cediuti l-atti ta' din il-kawza fir-rigward tas-sorte pero' nzamm ferm il-kap tal-ispejjez dana stante hlas a saldu tal-istess sorte u imghax relattiv fil-mori t' din il-kawza.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tal-imsemmija kawzi li gew gew trattati kontestwalment mal-presenti kawza.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

In vista tal-imsemmija nota ta’ cessjoni tal-bank attur u cioe’ dik tal-21 ta’ Dicembru 2005 jonqos biss li jigi deciz il-kap tal-ispejjez.

Tenut kont tac-ciorkostanzi kollha partikolari tal-kaz u principalment li l-hlas relattiv sar fil-mori tal-kawza u tenut kont ukoll ta’ dak kollu li jirrizulta mill-atti tal-kawzi l-ohra li gew trattati kontestwalment, l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mis-socjeta’ konvenuta u mill-konvenut Joseph Pace in solidum bejnithom.

Tiddeciedi ghalhekk billi tordna li l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mis-socjeta’ konvenuta u mill-konvenut Joseph Pace in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------